NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 127

**Nru.442** **OTTUBRU 2013**

## VIŻTA PASTORALI

Il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru, Festa tal-Konsagrazzjoni tal-Katidral ta' Għawdex, Mons. Isqof Mario Grech se jiftaħ il-Viżta Pastorali fid-Djoċesi. Ilkoll mistednin biex nieħu sehem fil-quddiesa, fis-6.00pm.

---

## FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

Is-Sibt 12 ta' Ottubru, Santwarju Ta' Pinu
Motto tas-Sena Soċjali: "INSEDDQU 'L XULXIN TA' MEMBRI HAJJIN"

Programm tal-Ftuħ tas-Sena Soċjali:

- 5.45p.m. Rużarju Meditat
- 6.30pm Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof Mario Grech flimkien mal-Assistenti Ekkleżjastiċi. Il-quddiesa tkun mxandra fuq TVM 2.

Il-Membri kollha huma mitluba biex jattendu u jistiednu u jġibu oħrajn magħhom.

---

## KONSAGRAZZJONI TAD-DINJA LILL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA

Bħala parti mill-programm tas-Sena tal-Fidi, il-Ħadd 13 ta' Ottubru, festa tal-Madonna ta' Fatima, se tinżamm Ġurnata Dinjija Marjana. F'din l-okkażjoni, Papa Franġisku se jikkonsagra d-Dinja lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.

Biex ningħaqdu mal-Papa f'din l-okkażjoni, Mons Isqof Mario Grech wera x-xewqa li l-Ħadd 13 ta' Ottubru, f'kull knisja tigi ċċelebrata quddiesa waħda tal-Madonna ta' Fatima, bil-qari jkun dak tal-Ħadd propju.

Nissieħbu lkoll f'din il-ġrajja billi nikkonsagraw lilna nfusna u lill-familji tagħna lill-Madonna.

---

## IS-87 ĠURNATA MISSJUNARJA
## Il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2013

### Il-ħeġġa missjunarja hi aspett essenzjali tal-ħajja Nisranija

Ix-xandir tal-Vanġelu hu parti mill-ħajja tad-dixxipli ta' Kristu u huwa impenn kostanti li janima l-ħajja kollha tal-Knisja. Il-ħajja missjunarja hi sinjal ċar tal-maturità ta' komunità ekkleżjali. Kull komunità hi matura meta tistqarr il-fidi, tiċċelebraha bil-ferħ fil-liturġija, tgħix il-karità u xxandar bla heda l-kelma ta' Alla. Is-solidità tal-fidi tagħna, f'livell personali u komunitarju, titkejjel ukoll mill-kapaċità li nikkomunikawha lil oħrajn.

Il-Konċilju Vatikan II enfasizza b'mod speċjali kif id-dmir missjunarju hu għal kull min hu mgħammed u l-komunitajiet insara kollha: "Ladarba l-poplu ta' Alla jgħix fil-komunitajiet, l-aktar dawk djoċesani u parrokjali, u fihom jieħu b'xi mod forma li tidher, għalhekk imiss lil dawn il-komunitajiet li jkunu xhieda ta' Kristu quddiem il-ġnus" (Digriet Ad Gentes, 37).

Nixtieq ninkuraġġixxi lil kulħadd biex isir messaġġier tal-bxara t-tajba ta' Kristu u jiena grat b'mod speċjali lejn il-missjunarji, is-saċerdoti, ir-reliġjużi rġiel u nisa, u l-lajċi dejjem aktar numerużi, li jilqgħu s-sejħa tal-Mulej u jħallu art twelidhom għas-servizz tal-Vanġelu f'artijiet u kulturi differenti. Imma nixtieq ukoll nenfasizza kif l-istess Knejjes żgħażagħ qegħdin jimpenjaw ruħhom ġenerożament li jibgħatu missjunarji lill-knejjes li jinsabu f'diffikultà – mhux rarament Knejjes ta' Kristjaneżmu antik – u hekk iġibu l-freskezza u l-entużjażmu li bihom huma jgħixu l-fidi li ġġedded il-ħajja u tagħti t-tama.

Benedittu XVI ħeġġiġna: "Jalla din is-Sena tal-Fidi ssaħħaħ dejjem aktar ir-rabta ma' Kristu l-Mulej, għaliex fih biss hemm iċ-ċertezza biex inħarsu lejn il-futur u l-garanzija ta' mħabba awtentika u dejjiema" (Ittra Appostolika Porta Fidei, 15).

Jiena nbierek bil-qalb lill-missjunarji u lil dawk kollha li jakkompanjaw u jsostnu dan l-impenn fundamentali tal-Knisja, biex ix-xandir tal-Vanġelu jkun jista' jidwi fl-irkejjen kolha tad-dinja u aħna nesperjenzaw il-ferħ ħelu u konforntanti li nevanġelizzaw.

(Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa) Aqra l-Messaġġ kollu mill-website www.missio.org.mt

# Kalendarju Pastorali
# Ottubru 2013 - Numru 441

| | |
|---|---|
| 1. Tlieta | Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, Verġni u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Festa ta' Santa Tereża (Sorijiet Karmelitani, Kerċem: Quddiesa fis-6.00p.m.)<br>Jum Internazzjonali tal-Anzjani (ĠM). |
| 2. Erbgħa | L-Angli Kustodji Mqaddsa. Tifkira (O). |
| 3. Ħamis | San Franġisk Borgia. Tifkira.<br>Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-Vokazzjonijiet (Seminarju: 7.00am-10.00pm).<br>Grupp Talb Dun Mikiel Attard (Knisja ta' Ħamet: 7.00pm. Quddiesa u fis-7.30pm Siegħa Adorazzjoni). |
| 4.Ġimgħa | San Franġisk t'Assisi, Djaknu. Tifkira (O). Jum il-Ħolqien<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għall-Professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.30p.m. |
| 5. Sibt | Santa Marija Fawstina Kowalska, Verġni. Tifkira.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria li jibda fit-8.00pm. |
| **6. Ħadd** | **It-27 Ħadd tas-Sena.** Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm. |
| 7.Tnejn | L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju. Tifkira (O).<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona A (Seminarju - 4pm). |
| 8.Tlieta | |
| 9.Erbgħa | Laqgħa għall-Kappillani ta' Malta u Għawdex (Seminarju tal-Virtù, Rabat, Malta). |
| 10.Ħamis | Jum Dinji għas-Saħħa Mentali (ĠM). |
| **11.Ġimgħa** | **Id-Dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali. Festa. / Ftuħ tal-Viżta Pastorali (Katidral - 6.00pm).** |
| 12.Sibt | Laqgħa għas-Saċerdoti (Seminarju - 9.00am).<br>Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika.<br>Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco, Victoria, li jibda b'quddiesa fit-8.00pm. |
| **13.Ħadd** | **Id-28 Ħadd tas-Sena. Jum it-tagħlim Nisrani (Jum il-Katekeżi)**. Jingħata l-Mandat lill-Katekisti.<br>Jum Dinji Marjan: Konsagrazzjoni tad-Dinja lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.<br>Festa tal-Madonna tal-Patroċinju fil-Knisja tal-Wied, Għasri.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm.. |
| 14.Tnejn | Is-6 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.00pm Adorazzjoni Solenni u fis-6.00pm Quddiesa bl-Omelija tal-okkażjoni u wara pellegrinaġġ ta' Talb, kurunella u Barka Sagramentali. Jitkompla il-Lejl.<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona B (Għarb - 4pm). |
| 15.Tlieta | Santa Tereża ta' Ġesù, Verġni u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). |
| 16.Erbgħa | Santa Margerita Marija Alacoque, Verġni. Tifkira.<br>Jum Dinji tal-Ikel (ĠM).<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 17.Ħamis | San Injazju ta' Antjokja, Isqof u Matri. Tifkira (O). |
| 18.Ġimgħa | San Luqa, Evanġelista. Festa . |
| 19.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov Ewk. Fil-Knisja ta' Ħamet li jibda fit-8.00pm. |
| **20.Ħadd** | **Id-29 Ħadd tas-sena. ĠURNATA MISSJUNARJA.** Isir ġbir għall-Missjoni tal-Opri Missjunarji Pontifiċji.<br>Festa ta' Ġesù Nazzarenu (Knisja Nazzarenu, Xagħra).<br>Laqgħa għall-Familjari tas-Saċerdoti fis-Seminarju, tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria fil-4.00p.m.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm. |
| 21.Tnejn | Sant'Ursola u sħabha, Verġini u martri, Protettriċi tad-Djoċesi. Tifkira (O).<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona Ċ (Għajnsielem - 4pm) |
| 22.Tlieta | |
| 23.Erbgħa | San Ġwann minn Capestrano, Presbiteru. Tifkira. |
| 24.Ħamis | San Anton Marija Claret, Presbiteru. Tifkira . |
| 25. Ġimgħa | |
| 26. Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrat fil-Parroċċa tal-Għasri li tibda fis-6.30pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov Ewk. fil-Parroċċa tal-Qala, li jibda fit-8.00pm. |
| **27.Ħadd** | **It-30 Ħadd tas-sena. Jum Il-Bibbja.**<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm |
| 28. Tnejn | San Xmun u San Ġuda, Appostli. Festa .<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona D (Nadur - 4pm).<br>Kunsill Pastorali. |
| 29. Tlieta | |
| 30. Erbgħa | |
| 31. Ħamis | |

**MATUL DAN IX-XAHAR INĦEĠĠU BIEX IL-FAMILJI KOLLHA JITOLBU FLIMKIEN ID-DAR PERMEZZ TAR-RUŻARJU, U JOFFRU DIN IT-TALBA GĦAŻIŻA GĦALL-FAMILJI KOLLHA U GĦALL-VIŻTA PASTORALI DJOĊESANA LI QED ISSIR F'GĦAWDEX.**